

Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2019

P8\_TA(2019)0211

**Bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE (2019/2614(RSP))**

(2021/C 23/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (Strategic Engagement for Gender Equality) 2016-2019, tal-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2019 dwar il-ħatra ta' Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 283(2), it-tieni subparagrafu, tat-TFUE, skont liema artikolu l-Kunsill Ewropew ikkonsulta l-Parlament,
- wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.2 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0144/2019),
- wara li kkunsidra l-għażla mill-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità Bankarja Ewropea tad-19 ta' Frar 2019, ta' José Manuel Campa bħala President tal-Awtorità Bankarja Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0146/2019),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-30 ta' Jannar 2019 għall-ħatra ta' Sebastiano Laviola bħala membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 56(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0148/2019),
- wara li kkunsidra l-ittra mibgħuta lill-President tal-Kummissjoni u lill-President fil-Kariga tal-Kunsill tal-UE mill-President tal-Parlament Ewropew fil-5 ta' Marzu 2019,

<sup>(1)</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.<sup>(2)</sup> ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.

**Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2019**

- wara li kkunsidra l-ittra mibgħuta lill-President tal-Kummissjoni mill-President tal-Parlament Ewropew fil-5 ta' Marzu 2019 u t-tweġiba mill-President tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2019,
  - wara li kkunsidra l-ittra mibgħuta lill-President tal-Kunsill mill-President tal-Parlament Ewropew fit-23 ta' Marzu 2018,
  - wara li kkunsidra l-ittra mibgħuta lill-President tal-Grupp tal-Euro mill-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew fit-8 ta' Marzu 2018,
  - wara li kkunsidra l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2017 tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) u l-Artikolu 228a tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Artikolu 8 tat-TFUE jstabbilixxi l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi bħala prinċipju orizzontali, u l-Artikolu 2 tat-TUE jstabbilixxi l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi bħala valur tal-Unjoni;
- B. billi l-aċċess ugwali għall-opportunitajiet u n-nondiskriminazzjoni huma valuri integrali tal-Unjoni Ewropea;
- C. billi, fis-7 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-perjodu mill-2011 sal-2020;
- D. billi l-Parlament jiddispjaċih għall-fatt li n-nisa għadhom sottorappreżentati fkarigi eżekuttivi fil-qasam tas-servizzi bankarji u finanzjarji; billi l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE u dawk nazzjonali għandhom jimplementaw miżuri konkreti biex jiżguraw il-bilanċ bejn is-sessi;
- E. billi l-Presidenti tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu, f'isem il-gruppi politiċi, f'diversi okkażjonijiet matul is-snin infurmaw lill-Presidenti tal-Kunsill, tal-Grupp tal-Euro u tal-Kummissjoni u lill-Presidenti fil-Kariga tal-Kunsill tal-UE dwar in-nuqqas ta' diversità tal-ġeneru fil-BĊE iżda anke fl-istituzzjonijiet ekonomiċi, finanzjarji u monetarji l-oħra tal-UE;
- F. billi l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2017 maħruġ mill-EIGE osserva li t-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi għadu l-qasam fejn l-UE għandha l-aktar rata baxxa f'termini ta' ugwaljanza bejn is-sessi u rappreżentanza tan-nisa;
- G. billi Membru wieħed biss minn sitt Membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE hija mara; billi żewġ Membri biss mill-25 Membru tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE huma nisa;
- H. billi l-Presidenti tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) huma rġiel;
- I. billi l-President tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku għadu kif ġie sostitwit minn raġel, fatt li ħalla lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni bħala l-uniku korp tal-UE fl-isfera usa' tal-istituzzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi tal-UE ppreśedut minn mara;
- J. billi minkejja d-diversi talbiet li għamel il-Parlament lill-Kunsill biex jirrimedja n-nuqqas ta' bilanċ bejn is-sessi fil-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, il-Kunsill ma ħax din it-talba bis-serjetà;
- K. billi minkejja d-diversi talbiet magħmula mill-Parlament fir-rigward tan-nomini preċedenti li għandu jiġi rispettati il-bilanċ bejn is-sessi meta tiġi preżentata lista ta' kandidati, il-kandidati kollha għall-kariga ta' President tal-EBA kienu rġiel;
- L. billi, filwaqt li l-proċeduri tal-għażla għall-President, il-Viċi President u l-Membri tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni s'issa qiesu l-prinċipju ta' bilanċ ġenerali bejn is-sessi, f'dan il-każ il-lista mqasra ppreżentata lill-Parlament kienet magħmula biss minn irġiel, minkejja l-obbligi stipulati fl-Artikolu 56(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;

Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2019

- M. billi, filwaqt li ma jistax jiġi eskluż li fi proċedura tal-għażla unika bbażata fuq applikazzjonijiet individwali ma jkunx hemm kandidati kwalifikati taż-żewġ sessi, il-kriterju ġenerali tal-bilanċ bejn is-sessi għandu jiġi rispettatt għall-kompożizzjoni tal-bordijiet tal-BĊE u tal-awtoritajiet superviżorji;
- N. billi l-kandidati attwali għall-pożizzjonijiet tal-ekonomista ewlieni tal-BĊE, il-President tal-EBA u l-membru tal-SRB kollha tqiesu li kellhom esperjenza u kwalifiki mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament, u ġew approvati b'maġġoranza sinifikanti f'votazzjonijiet sigrieti;
- O. billi l-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi mhijiex kwistjoni tan-nisa, iżda waħda li għandha tinvolvi lis-soċjetà kollha kemm hi;
1. Jisħaq li l-bilanċ bejn is-sessi fil-bordijiet u fil-gvernijiet jiżgura kompetenza usa' u perspettivi aktar miftuħa, u li n-nuqqas ta' bilanċ bejn is-sessi jfisser li l-istituzzjonijiet għandhom ir-riskju li jtilfu kandidati potenzjalment eċċellenti;
  2. Jiddispijaċih li l-Kummissjoni u l-maġġoranza l-kbira tal-gvernijiet tal-UE s'issa naqsu milli jippromwovu bilanċ akbar bejn is-sessi fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward ta' ħatriet ta' livell għoli f'affarijiet ekonomiċi, finanzjarji u monetarji; jistenna li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jtejbju malajr il-bilanċ bejn is-sessi fl-ogħla pożizzjonijiet;
  3. Jistieden lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Grupp tal-Euro u lill-Kummissjoni jaħdmu b'mod attiv favur il-bilanċ bejn is-sessi fil-proposti futuri tagħhom għal listi mqassra u għal ħatriet, u jagħmlu sforz biex jinkludu tal-anqas kandidat mara waħda u kandidat raġel wieħed għal kull proċedura ta' nomina;
  4. Jissottolinja li fil-ġejjieni, il-Parlament jimpenja ruħu li ma jikkunsidrax il-listi tal-kandidati fejn il-prinċipju tal-bilanċ bejn is-sessi ma jkunx ġie rispettatt flimkien mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kwalifiki u l-esperjenza fil-proċess tal-għażla;
  5. Jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' rekwiżit fil-Pjan ta' Azzjoni futur dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Parlament, li huwa previst skont l-Artikolu 228a tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, biex ma jiġux approvati ħatriet għal bordijiet u korpi oħra tal-aġenziji tal-UE jekk il-lista mqassra ta' kandidati proposti mill-istituzzjoni jew mill-korp inkwistjoni ma tirrispettax il-bilanċ bejn is-sessi;
  6. Jirrikonoxxi li l-Parlament innifsu ma kienx issodisfa dawn l-istandards u jwiegħed li jtejjeb ir-rekord tiegħu stess ta' promozzjoni tal-bilanċ bejn is-sessi fil-qasam tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji;
  7. Jirrikonoxxi li l-bilanċ bejn is-sessi fil-livell eżekuttiv fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jirrikjedi kandidati kwalifikati mill-Istati Membri; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jieħdu passi konkreti biex itejbu l-bilanċ bejn is-sessi fl-istituzzjonijiet nazzjonali u b'hekk iwittu t-triq għal kandidati ta' kwalità għolja kemm irġiel kif ukoll nisa għal pożizzjonijiet għolja tal-UE fil-qasam tas-servizzi bankarji u finanzjarji;
  8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iżidu t-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' ħatra għal diretturi eżekuttivi ta' aġenziji tal-UE billi jipubblikaw il-lista ta' applikanti u l-kandidati fil-lista mqassra, u r-raġunijiet għaliex dawn il-kandidati jkunu tqieġħdu fuqha, biex jippermettu skrutinju pubbliku tal-ftuħ, il-kompetittività u s-sensittività għall-ugwaljanza bejn is-sessi ta' dawn il-proċessi;
  9. Jappella għal kooperazzjoni aktar mill-qrib fost l-istituzzjonijiet tal-UE biex jiġi żgurat li dawn il-miżuri jkunu effettivi;
  10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, lill-Awtorità Bankarja Ewropea, lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri.